

Brussell, 16 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16933/24

EJUSTICE 75
JURINFO 18
JAI 1879

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 16593/24	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fil-qasam tal-ġustizzja

Fil-laqgħa tiegħu fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) approva ġabra ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fil-qasam tal-ġustizzja. It-test kif approvat mill-Kunsill jinsab fl-Anness.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR
L-UŻU TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI FIL-QASAM TAL-ĠUSTIZZJA**

I. INTRODUZZJONI

1. F'dawn l-aħħar snin, l-intelliġenza artifiċjali (minn hawn 'il quddiem: IA) evolviet ħafna, saret dejjem aktar u aktar mifruxa. Ir-rilevanza tagħha għas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri żdiedet b'mod sinifikanti. Din l-evoluzzjoni tipprovdi opportunitajiet konsiderevoli kif ukoll sfidi għas-sistema tal-ġustizzja u enfasizzat il-ħtieġa u t-tempestività ta' politiki li għadhom kif ġew adottati.
2. B'mod parallel, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha qed jaraw żvilupp kontinwu ta' soluzzjonijiet legali, operazzjonali u tekniċi li jrawmu l-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntieri. Il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-Istati Membri fil-kondiviżjoni tat-tagħlimiet meħuda, l-aħjar prattiki, l-għarfien espert u l-informazzjoni dwar il-kisbiet fl-integrazzjoni tal-IA fis-sistemi ġudizzjarji rispettivi tagħhom hija partikolarment importanti biex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-ġustizzja madwar l-UE.

3. Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (minn hawn 'il quddiem: l-Att dwar l-IA) huwa l-ewwel strument leġislattiv komprensiv fid-dinja li jirregola l-IA. L-Att dwar l-IA jikklassifika s-sistemi tal-IA għal ċerti applikazzjonijiet fl-oqsma tal-infurzar tal-liġi, il-ġustizzja u s-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim¹ bħala daww b'riskju għoli u jissuġġettahom għal sett ta' rekwiżiti bħal proċeduri u kontrolli tal-valutazzjoni tal-konformità, bil-ħsieb li jiġi żgurat livell għoli ta' affidabbiltà.
4. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2020 dwar it-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa² ġibdu l-attenzjoni għall-isfidi maħluqa mid-diġitalizzazzjoni akbar fl-ekonomija u s-soċjetà Ewropea, inkluż mill-IA. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar id-diġitalizzazzjoni dwar "Aċċess għall-ġustizzja – nisfruttaw l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni" ³enfasizzaw l-importanza tat-tranżizzjoni diġitali biex jiżdiedu l-effettività u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2023 dwar l-awtonomizzazzjoni diġitali biex jiġu protetti u infurzati d-drittijiet fundamentali fl-era diġitali⁴, huma ċċentrati fuq l-awtonomizzazzjoni diġitali tal-individwi u s-setturi li huma kruċjali għad-difiża tad-drittijiet fundamentali, bħall-ġustizzja, kif ukoll il-bini ta' ambjent diġitali sikur fejn id-drittijiet fundamentali huma protetti kif xieraq.

¹ B'mod partikolari, sistemi tal-IA maħsuba biex jintużaw minn awtorità ġudizzjarja jew f'isimha biex jassistu awtorità ġudizzjarja fir-riċerka u l-interpretazzjoni ta' fatti u tal-liġi u fl-applikazzjoni tal-liġi għal sett konkret ta' fatti, jew biex jintużaw b'mod simili f'soluzzjoni alternattiva għat-tilwim; (Att dwar l-IA Anness III. paragrafu 8. a.)

² Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa, 2020/C 202 I/01, ĠU C 202I, 16.6.2020, p. 1-12

³ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill "Aċċess għall-ġustizzja – nisfruttaw l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni" 2020/C 342 I/01, ĠU C 342I, 14.10.2020, p. 1-7

⁴ 14309/23

5. L-Istrateġija Ewropea tal-Ġustizzja Elettronika (2024-2028) tiddekrivi l-oġġettivi strateġiċi u operazzjonali, tidentifika l-azzjonijiet meħtieġa biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, u tistabbilixxi l-bażi għal mekkaniżmu ta' segwitu għall-monitoraġġ tal-progress fuq proġetti u inizjattivi ppreżentati mill-Istati Membri jew minn partijiet ikkonċernati oħra. Dan jinkludi l-isfruttament ta' teknoloġiji innovattivi biex jappoġġaw il-kisba tal-għanijiet deskritti. Barra minn hekk, l-Istrateġija tagħraf li t-trasformazzjoni diġitali ġġib magħha l-ħtieġa li jiġu identifikati azzjonijiet speċifiċi u xierqa adattabbli għall-isfidi u l-opportunitajiet li jirriżultaw mill-IA u teknoloġiji emerġenti oħra.
6. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-5 ta' Marzu 2024 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: Il-promozzjoni tal-fiduċja permezz tal-protezzjoni legali effettiva u l-aċċess għall-ġustizzja⁵ l-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tiżgura li tiġi inkluża perspettiva tad-drittijiet tal-bniedem fl-azzjonijiet kollha tal-UE relatati mal-garanzija ta' protezzjoni legali effettiva u l-aċċess għall-ġustizzja, inkluż billi jinħatfu l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni.
7. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ppubblikat studji u rapporti dwar suġġetti relatati rilevanti, bħar-rapport "Getting the future right: Artificial intelligence and fundamental rights"⁶ u r-rapport "Bias in algorithms - Artificial intelligence and discrimination"⁷.
8. Għadd ta' organizzazzjonijiet internazzjonali adottaw ukoll dokumenti sinifikanti fil-qasam tal-IA. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil dawn li ġejjin:
 - a) il-Karta Ewropea tal-Etika dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) fis-sistemi ġudizzjarji u l-ambjent tagħhom tal-Kummissjoni Ewropea għall-Effikaċja tal-Ġustizzja (CEPEJ) tal-Kunsill tal-Ewropa⁸; flimkien mal-linji gwida relatati tas-CEPEJ dwar l-użu tal-IA fil-Ġudikatura,

⁵ [7127/24](https://fra.europa.eu/en/publication/2020/artificial-intelligence-and-fundamental-rights)

⁶ <https://fra.europa.eu/en/publication/2020/artificial-intelligence-and-fundamental-rights>

⁷ <https://fra.europa.eu/en/publication/2022/bias-algorithm>

⁸ <https://rm.coe.int/ethical-charter-en-for-publication-4-december-2018/16808f699c>

- b) ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi dwar l-Intelliġenza Artifiċjali⁹,
- c) ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (10 ta' Lulju 2024) dwar il-Promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kollha, id-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali, inkluż id-dritt għall-iżvilupp¹⁰, speċjalment id-dispożizzjonijiet tagħha dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura, il-ġurati u l-assessuri, u l-indipendenza tal-avukati,
- d) il-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt¹¹, li għandha l-għan li tiżgura li l-attivitajiet fiċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-IA jkunu konsistenti bis-sħiħ mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt¹², u
- e) ir-Rapport finali tal-Korp Konsultattiv ta' Livell Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Intelliġenza Artifiċjali dwar il-Governanza tal-IA għall-Umanità¹³.

⁹ <https://legalinstruments.oecd.org/en/instruments/OECD-LEGAL-0449>

¹⁰ <https://documents.un.org/doc/undoc/gen/g24/120/36/pdf/g2412036.pdf>

¹¹ Serje tat-Trattati tal-Kunsill tal-Ewropa - Nru [225], [Vilnius, 5.IX.2024]

¹² Ta' min jinnota li l-UE diġà ffirmat din il-Konvenzjoni.

¹³ https://www.un.org/sites/un2.un.org/files/governing_ai_for_humanity_final_report_en.pdf

9. L-IA għandha potenzjal trasformattiv tremend. L-użu tagħha jista' jiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja, u jtejjeb t-tempestività, l-effiċjenza u l-effettività tal-proċedimenti ġudizzjarji. B'mod aktar espliċitu, tista' tgħin, fost l-oħrajn, f'ċerti kompiti ta' rutina jew awżiljarji, pereżempju, billi tiggwida lill-individwi permezz ta' informazzjoni legali, tagħmel l-iskedi tas-seduti, tipprenota l-awli tal-qorti jew tipprevjeni l-identifikazzjoni mill-ġdid tal-persuni kkonċernati jew billi jiġu anonimizzati¹⁴ jew psewdonimizzati¹⁵ d-deċiżjonijiet tal-qorti, f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Tali titjib fil-proċedimenti ġudizzjarji jista' jkun ta' benefiċċju kemm għall-individwi kif ukoll għan-negozji fl-UE. Dan itejjeb is-sistemi legali tal-UE u tal-Istati Membri, u b'hekk jipprovdi vantaġġi kompetittivi għall-UE.
10. Xi każijiet oħra ta' użu jippreżentaw riskji akbar. Madankollu, is-sistemi tal-ġustizzja għandhom japproffittaw ruħhom minn dawn il-każijiet ta' użu, b'salvagwardji xierqa, peress li l-IA għandha l-potenzjal li tassisti ħafna l-ħidma ġudizzjarja, bħal biex tiġbor fil-qosor il-kontenut ġudizzjarju, tanalizza l-ġurisprudenza, tipproponi testi, tipprovdi interpretazzjoni f'ħin reali, tittratta talbiet ta' kumpens kollettiv jew tappoġġa t-teħid tad-deċiżjonijiet.
11. L-inizjattivi ta' riċerka u innovazzjoni mmirati lejn l-avvanz tal-iżvilupp tas-sistemi tal-IA, imfassla apposta, f'konformità mad-dritt tal-UE għal applikazzjonijiet legali speċjali, huma importanti. Il-kollaborazzjoni fost id-dinja akkademika, l-industrija, l-awtoritajiet ġudizzjarji jew awtoritajiet pubbliċi oħra u l-professjonisti tal-ġustizzja hija kruċjali biex tixpruna l-innovazzjoni u trawwem il-progress f'dan il-qasam.
12. Il-ħtieġa li l-prattikanti legali u l-persunal amministrattiv tal-awtoritajiet ġudizzjarji involuti fi proċedimenti ġudizzjarji jkomplu jitħarrġu, b'mod partikolari fid-dawl tal-IA u żviluppi teknoloġiċi oħra, fil-livell nazzjonali u tal-UE, hija importanti ħafna wkoll.

¹⁴ F'konformità mal-Premessa 26 tar-Regolament (UE) 2016/679 (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

¹⁵ Skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2016/679 (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)

II. KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

A. KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

13. L-IA għandha tintuża fil-ġustizzja b'rispett sħiħ tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u f'konformità, fost l-oħrajn, mal-Att dwar l-IA, mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data¹⁶ u mad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Ligi¹⁷, biex jiġu żgurati t-trasparenza, ir-responsabbiltà u s-sorveljanza li jiggarantixxu li s-sistemi tal-IA jkunu affidabbli kif ukoll sikuri u li l-użu tagħhom jirrispetta d-drittijiet fundamentali. Dawn il-Konklużjonijiet jallinjaw ruħhom mar-rekwiżiti għat-tfassil, l-iżvilupp u l-użu tas-sistemi tal-IA, u ma jesprimu l-ebda intenzjoni li jmorru lil hinn minnhom, kif stabbilit fl-Att dwar l-IA.
14. L-aċċess effettiv għall-ġustizzja jinkludi d-dritt għal rimedju effettiv, id-dritt għal smiġħ ġust u pubbliku fi żmien raġonevoli, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt għad-difiża kif minqux fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Dawn huma kriterji ewlenin fit-tfassil, l-iżvilupp jew l-użu tas-sistemi tal-IA. L-aċċess għall-ġustizzja għandu jkun garantit għal kulħadd, anke f'sitwazzjonijiet fejn l-individwi ma jużawx għodod jew servizzi tal-IT jew ikunu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88

¹⁷ Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89-131

15. Huma meħtieġa linji gwida u standards prattiċi u faċli għall-utent għall-iżvilupp u l-użu etiku u responsabbli tal-IA fil-ġustizzja, f'konformità mal-Att dwar l-IA. Tali linji gwida u standards għandhom ikunu bbażati fuq skambji kkoordinati u kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti.
16. L-IA tista' tappoġġa t-teħid tad-deċiżjonijiet fi proċedimenti ġudizzjarji u soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, iżda ma għandhiex tissostitwixxi: it-teħid ta' deċiżjonijiet finali għandu jibqa' attività mmexxija mill-bniedem. L-użu tal-IA f'dan il-kuntest normalment jitqies bħala riskju għoli u għandu jkun trasparenti, traċċabbli kif xieraq u spjegabbli, u soġġett għal sorveljanza mill-bniedem. Huwa kruċjali li jiġi żgurat li dawn il-prinċipji jitqiesu u jiġu vvalutati kemm fl-istadju tad-disinn kif ukoll matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tas-sistemi tal-IA użati fis-settur tal-ġustizzja.
17. Barra minn hekk, l-iżgurar tad-disponibbiltà ta' ammont kbir ta' data ta' kwalità huwa kruċjali biex jiġi pprovdut ambjent li jwassal għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IA b'valur miżjud.
18. Id-disponibbiltà ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji anonimizzati jew psewdonimizzati hija faċilitatur importanti għall-applikazzjonijiet tal-IA fil-qasam tal-ġustizzja, li jirrikjedu aċċessibbiltà fuq skala kbira għal dawn id-deċiżjonijiet biex iwettqu l-analiżi tagħhom b'mod partikolari fil-fażi tat-taħriġ tas-sistemi tal-IA.
19. Il-Kunsill jistieden lin-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju u lill-awtoritajiet jew lill-korpi nazzjonali responsabbli għat-taħriġ ġudizzjarju biex iqisu l-ħtieġa ta' taħriġ u responsabilizzazzjoni tal-professjonisti tal-ġustizzja biex ilaħħqu mad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi ġudizzjarji, b'mod partikolari l-użu tal-IA fil-ġustizzja, biex jadattaw għall-ambjent legali li qed jevolvi, inaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet diġitali u jsaħħu s-sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet u r-riskji maħluqa mis-sistemi tal-IA użati fil-qasam tal-ġustizzja. L-għodod eżistenti għat-taħriġ li jiffukaw fuq id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, inkluż l-IA għall-professjonisti tal-ġustizzja, għandhom jiġu żviluppati u aġġornati aktar.

20. Il-Kunsill jappoġġa l-kondiviżjoni ta' informazzjoni u kollaborazzjoni fost l-Istati Membri rigward l-użu tal-IA fil-ġustizzja - inkluż permezz ta' pjattaformi eżistenti - b'enfasi fuq suġġetti ta' prijetà u billi jikkontribwixxu għall-oġġettivi definiti fl-Istrateġija Ewropea tal-Ġustizzja Elettronika 2024/2028. Dan jippermetti l-identifikazzjoni ta' każijiet ta' użu komuni, u tal-benefiċċji mistennija tagħhom, l-isfidi li joħolqu u l-oqsma għal titjib.

B. STEDINA LILL-KUMMISSJONI

21. Il-Kummissjoni mistiedna tesplora aktar il-potenzjal tal-IA fil-qasam tal-ġustizzja u tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Att dwar l-IA
22. Il-Kummissjoni mistiedna tippromwovi finanzjament adegwat għar-riċerka, l-iżvilupp u l-użu tal-IA fil-ġustizzja, bil-ħsieb li tiżdied il-kompetittività ġenerali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, fuq skala globali, u jiġu limitati l-piżijiet amministrattivi fir-rigward tal-aċċess għall-oportunitajiet ta' finanzjament tal-UE.
23. Dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill huma mingħajr preġudizzju għan-negożjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027.
24. Il-Kummissjoni mistiedna tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom imsemmija hawn fuq biex jiġbru u jikkondividu l-informazzjoni.

25. Il-Kummissjoni mistiedna toħloq u topera, fi ħdan il-kompetenzi tagħha, "sett ta' għodod tal-IA fil-qasam tal-Ġustizzja" komuni, filwaqt li tqis is-sinerġiji possibbli mal-"pjattaforma tal-IA fuq talba" diġà stabbilita u inizjattivi oħra tal-UE rigward l-interoperabbiltà u l-kondiviżjoni tar-riżorsi u l-għarfien relatati mal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-użu tas-sistemi tal-IA. Dan is-Sett ta' għodod tal-IA fil-qasam tal-Ġustizzja jkun repożitorju ta' każijiet ta' użu tal-IA (b'mod partikolari, atturi, ambitu, mira, skop, funzjonalità, xenarji, benefiċċji mistennija) u għodod fis-settur tal-ġustizzja. L-għodod tal-IA li għandhom jiġu inklużi fis-sett ta' għodod, kemm jekk żviluppatti bil-finanzjament tal-UE kif ukoll jekk le, jistgħu jsiru disponibbli għall-Istati Membri kollha. Dan is-sett ta' għodod tal-IA fil-qasam tal-Ġustizzja jista' jrawwem il-ħolqien ta' bażi komuni u każijiet ta' użu fost l-Istati Membri rigward l-użu transfruntier tal-għodod tal-IA fil-ġustizzja.

C. STEDINA LILL-ISTATI MEMBRI

26. Minbarra s-sett ta' atti legali u politiki fil-livell tal-UE, imfassla biex itejbu l-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntieri, l-Istati Membri mistiedna, fejn xieraq, jikkapitalizzaw fuq soluzzjonijiet diġitali ġodda, inkluż l-IA, u jadottawhom fis-sistema ġudizzjarja tagħhom, biex ikomplu jtejbju l-effiċjenza, il-ġustizzja u l-indipendenza tal-ġudikatura.
27. L-Istati Membri mistiedna jesploraw il-potenzjal ta' sistemi tal-IA li qed jevolvu b'mod kostanti, filwaqt li jiżguraw il-konformità mad-drittijiet fundamentali, mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u ma' leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-UE.
28. F'konformità mal-Istrateġija Ewropea tal-Ġustizzja Elettronika 2024-2028, l-Istati Membri huma mistiedna jikkollaboraw u jikkondividu informazzjoni dwar l-użu tal-IA fil-ġustizzja kif ukoll dwar l-għodod tal-IA, inkluż karatteristiċi essenzjali marbuta ma' dawn l-għodod, bħall-konfigurazzjoni jew id-deskrizzjoni tal-funzjonament tagħhom u l-użu ta' software b'sors miftuħ.

29. Filwaqt li jqisu l-informazzjoni fis-"Sett ta' għodod tal-IA fil-qasam tal-Ġustizzja" li għandu jitħaddem mill-Kummissjoni, l-Istati Membri mistiedna jiskambjaw informazzjoni u jibnu bażi komuni rigward il-każijiet ta' użu, l-użu tal-għodod tal-IA u l-iżvilupp transfruntier tagħhom, sabiex itejbu s-sistemi ġudizzjarji u jħejju soluzzjonijiet futuri ta' interoperabbiltà, filwaqt li jqisu l-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà, li huwa approċċ maqbul b'mod komuni għat-twassil tas-servizzi pubbliċi Ewropej b'mod interoperabbli.
30. Kif diġà ġie indikat¹⁸, l-appoġġ u l-involvement tal-prattikanti legali, il-professjonisti tal-IT u l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti għandhom jiġu mħeġġa biex jindirizzaw aħjar u f'waqthom l-isfidi tat-trasformazzjoni diġitali. Minbarra l-obbligu li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat, bl-aħjar mod, livell suffiċjenti ta' litteriżmu fl-IA għall-professjonisti kollha tal-ġustizzja li jużaw l-IA¹⁹, it-taħriġ għall-professjonisti tal-ġustizzja u għall-persunal amministrattiv tal-awtoritajiet ġudizzjarji għandu jiffoka fuq is-sensibilizzazzjoni. Għandu jippromwovi wkoll fehim aħjar tal-implikazzjonijiet u r-riskji assoċjati mal-IA, itejjeb il-fehim tal-bidliet fid-dritt tal-UE li jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-ekonomija u s-soċjetà diġitali, u jtejjeb l-użu effettiv tal-IA u għodod oħra tal-IT għall-promozzjoni tal-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji, filwaqt li jkun hemm għarfien tar-riskji inerenti.
31. L-Istati Membri huma mistiedna jinvestu f'infrastruttura diġitali sigura u fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-ġustizzja biex jappoġġaw l-użu ta' teknoloġiji avvanzati, inkluż għodod tal-IA użati fis-sistemi ġudizzjarji.

¹⁸ Paragrafu 19

¹⁹ Ara l-Artikolu 4 tal-Att dwar l-IA.